– GHOTJA TA' SERVIZZI MEDICI –
– TALBA GHALL-HLAS GHAL TALI SERVIZZI –
– KONVENUT LI JQANQAL ECCEZZJONI WAHDA TA' NATURA GENERIKA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **119/2018**

**DOTTOR JEAN KARL SOLER (K.I. NRU 31967M) BHALA EZERCENTI TAL-KUMMERC BL-ISEM TA' THE FAMILY PRACTICE/ALPHAMEDICA**

***VERSUS***

**MINISTRU GHAS-SAHHA**

B'Avviz tat-Talba introdott fis-27 ta' Marzu 2018, l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas, oltre l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxxijiet relattivi, is-somma ta' erbat'elef, mitejn u wiehed u sebghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4,271.58c). F'tali Avviz l-attur ippremetta hekk:

> Illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur s-somma ta' **erbat elef mitejn u wiehed u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4,271.58**) in konnessjoni ma' servizzi li gew forniti mill-attur a bazi tas-sejha *'Provision of Medical Services to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care, its' Departments and Etntities up to a maximum value of €6,000 excluding VAT'* li intrebhet mill-attur u li ai termini tal-istess sejha provda is-servizzi relattivi hekk mitluba u ghal liema servizzi l-mittenti baqa' ma thallasx;
>
> Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, u dan inkluz permezz ta' ittra ufficjali li giet ipprezentata fis-17 ta' April, 2017 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) u li jgib in-numru ta' referenza 1108/2017, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali hawn imsemmija li jgib in-numru ta' referenza 1108/2017, u kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' din l-ittra ufficjali sad-data tal-hlas affettiv.

Debitament notifikat bl-atti processwali, il-konvenut ressaq Risposta fis-26 ta' April, 2018 (*a fol*. 9) illi fiha eccepixxa hekk:

> Illi l-allegazzjonijiet tieghek huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-ammont pretiz minnhek ma huwiex dovut, ghar-ragunijiet imputabbli minnhek stess li inti ben konsapevoli taghhom.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 183) u fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 241) – wara li d-difensuri tal-kontendenti gharrfu lit-Tribunal li m'ghandhomx osservazzjonijiet ulterjuri x'jaghmlu mas-sottomissjonijiet bil-mitkub prezentati minnhom – il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni, illi qed tinghata llum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu fil-qosor deskritti hekk: L-attur huwa tabib li jezercita l-kummerc bl-isem ta' "The Family Practice/Alphamedica" liema kummerc joffri servizz ta' "*company doctor*" ghal diversi kumpanniji. F'Gunju, 2012 l-attur kien ressaq offerta ghal *tender* mahrug mill-Ministru konvenut ghall-kuntratt "*for the provision of medical services, on an "if and when required" basis, to the Ministry for Health, the Eldery and Community Care to assist the management in the certification of sick/injury leave and to carry out home visits of its employees as may be requested by the Ministry for Health, the Eldery and Community Care.*" L-attur kien inghata tali *tender* u s-servizzi fih kontemplati gew rezi minnu bejn Ottubru tas-sena 2012 u Marzu tas-sena 2013. Skond l-attur, hu rrenda s-servizzi kif rikjest skont il-kuntratt iffirmat minnu, izda l-konvenut naqas milli jhallas ghas-servizzi prestati fir-rigward ta' l-impjegati ta' l-isptar Mater Dei u l-isptar Boffa. Din il-pretensjoni giet rezistita mill-imharrek tramite eccezzjoni wahda ta' indole generali, minghajr ebda dettall jew elaborazzjoni ulterjuri. Però, fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut hu jsostni illi m'hemm l-ebda bilanc dovut lill-attur ghaliex b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kuntrattwali ta' l-attur stess hemm penali imponibbli kontrih skond l-istess kuntratt, liema penali tissupera l-ammont reklamat mill-attur f'dawn il-proceduri u, ghalhekk, il-pretensjoni pekunjarja tieghu tigi fix-xejn. Skond l-istess konvenut, kien hemm

numru ta’ okkazzjonijiet fejn l-attur ma kellux tabib disponibbli sabiex jaghmel iz-zjara mitluba minnu u wkoll kien hemm numru ta’ drabi fejn l-attur ma provdix raguni ghalfejn kien inhareg certifikat ta’ mard ghall-impjegati skont kif rikjest mill-kuntratt.  In vista ta’ tali nuqqasijiet, ghalhekk, gew imposti l-imsemmija penali.

Ferma tali introduzzjoni dwar il-prezenti diverbju, ikun opportun li f’dan l-istadju preliminari jigi kjarifikat punt. Waqt is-smigh ta’ din il-kawza tqajment kwistjoni dwar il-*locus standi* attwali ta’ l-attur, u kellu jigi stabbilit jekk l-attur ikkontrattax f’ismu proprju jew jekk hux tramite kumpannija jew entità ohra b’personalità guridika distinta.[1] F’dan ir-rigward it-Tribunal ra illi l-offerta li saret wara t-*tender* mahrug mill-konvenut saret mill-attur f’ismu proprju (*a fol.* 135). Ir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji xehed illi mir-ricerki illi ghamel ma rrizultax illi hawn ezistenti kumpannija bl-isem ta’ “Alphamedica” u/jew “The Family Practice” irregistrati mar-Registratur tal-Kumpanniji.[2] Gew prezentati wkoll dokumenti relattivi ghall-kumpannija bl-isem “Family Practice Centre Ltd”, li juru li l-attur m’ghandu l-ebda involviment f’din il-kumpannija, u juru wkoll li l-indirizz registrat ta’ din il-kumpannija ma jaqbilx ma’ dak moghti fid-dokumenti tat-*tender* (*fol.* 175, 176).[3] Ghalhekk ma jidhirx illi “Alphamedica” u/jew “The Family Practice” ghandhom personalità guridika separata u distinta mill-attur.  Mill-assjem ta’ l-evidenza sottomessa, jidher li l-Ministru konvenut kellu rapport guridiku ma’ l-attur *in personam* u li l-kontrattazzjoni relattiva sehhet bejn l-attur *qua* individwu u l-Ministeru kapitanat mill-imharrek.

It-Tribunal issa jdur biex iqis il-qalba tal-kwistjoni.

Bi preambolu qasir, ikollu jigi puntwalizzat illi fil-kaz tal-lum, it-Tribunal ghandu quddiemu t-talba specifika attrici u c-cahda alkwantu generika da parti tal-konvenut, minghajr ebda elaborazzjoni ulterjuri.  Il-konvenut illimita ruhu li jikkontesta l-azzjoni attrici billi solament afferma li l-allegazzjonijiet tal-parti attrici kienu fattwalment u legalment infondati u li l-ammont domandat ma kienx dovut, ghal ragunijiet imputabbli lill-attur (liema motivi kienu ben konoxxjuti mill-attur). Ikollu jigi mistqarr illi tali linja difensjonali hi akwaltu wiesa’ u ma tispecifikax, direttament jew almenu indirettament, il-binarju ta’ hsieb difensjonali precizament addottat mill-imharrek. Dwar dan l-aspett, it-Tribunal sejjer jikkummenta minn hawn u ftit iehor.

[1] Ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar, 2019 (*a fol.* 124).
[2] Ara x-xhieda moghtija waqt l-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2019 (*a fol.* 144 *et seqq.*).
[3] Ara ‘Dok FP1’ sa ‘Dok FP6’, ezibiti mill-attur *seduta stante* fl-udjenza tat-13 ta’ Mejju, 2019 (*a fol.* 151 *et seqq.*).

Ghalhekk, f'dan il-procediment, lil hinn milli jqis id-domanda attrici, it-Tribunal huwa solament fakoltizzat – u dejjem fejn huwa legalment jew guridikament permissibbli – li merament iqis dawk l-aspetti accessorji (ossia, ancillari jew periferali) li jafu johorgu mil-linja difensjonali generali tal-konvenut. Izda t-Tribunal jinsab prekluz li jakkorda xi haga lill-konvenut, specifikatament ghax mhux ritwalment jew formalment domandat. Jekk il-konvenut kien qed jitlob hlas ta' xi penali li skond hu kienet imponibbli kontra l-attur minhabba xi allegata inadempjenza kontrattwali, l-istess kellu jressaq talba *ad hoc* jew inkella – dejjem jekk il-presupposti ta' tali domanda partikolari tieghu jirrispettaw il-parametri ritwalistici u kif ukoll jirrijentraw fil-kompetenza *ratione valoris* u *ratione materiæ* tal-prezenti Tribunal – hu kellu javalla ruhu minn talba rikonvenzjonali f'dan il-procediment.[4] Fin-nuqqas, il-konvenut ma jistax ragjonevolment jistenna li l-

---

[4] Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostitutiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). Bhala ezemplari, l-eccezzjoni tan-nullità jew dik tal-legittimità attiva jirrijentraw fl-ewwel kategorija (negazzjonijiet assoluti), mentri l-eccezzjoni ta' l-"usucapio", tal-preskrizzjoni estintiva, tal-perentorjetà/dekadenza jew dik tal-kompensazzjoni jikkazellaw ruhhom fit-tieni wahda (negazzjonijiet relattivi). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, galadarba l-oggett tal-procediment jibqa' immutat u l-*petitum* invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-attur. Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal per ezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu), tali deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda – dik inizjata mill-attur: "*l'eccezione in sè considerata, non può ampliare i termini della controversia; potrà aumentare le questioni sottoposte al giudizio del magistrato, ma sempre ai fini della decizione della domanda posta dall'attore. In fatti, se scopo del convenuto è quello di poter ottenere il rigetto della domanda dell'attore, pure, il* thema decidendum *o oggetto del giudizio è quello posto dall'attore ... l'eccezione è un mezzo destinato a paralizzare l'azione dell'attore, portando all'accoglimento dell'inversa azione di accertamento negativo del convenuto, ed immettendo nel processo delle questioni nuove al solo fine della decisione della domanda posta dall'attore, ma senza ampliare il tema fissato dall'attore con l'atto introduttivo*" (*cfr*. **Mario Dini**, "La Domanda Riconvenzionale", Giuffrè 1954; §24, pp.54–55). Imbaghad, hemm ic-cirkostanza fejn il-konvenut jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi [talba rikonvenzjonali ghandha ssehh solament fil-konfront tal-parti attrici u mhux fil-konfront ta' xi parti ohra fil-kawza, bhal per ezempju, xi ko-konvenut. Dan hu rifless fid-decizjoni *in re* **Gasan Insurance Agency Ltd noe v. Simon Soler et** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002)] – il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) *a se stante* u ulterjuri favur tieghu. Fi kliem divers, tirrikorri l-ipotezi tad-domanda rikonvenzjonali meta l-konvenut, li jiehu spunt u okkazzjoni mill-azzjoni proposta kontrih, jirrezisti u jopponi ghaliha b'kontro-domanda fejn jitlob gudizzju pozittiv ghalih u sfavorevoli ghall-parti attrici, gudizzju li jmur oltre s-semplici cahda tat-talba attrici (dik principali). Talba bhal dik ittendi li tisposta l-limiti tal-procediment mibdi mill-attur li jkunu ffissati bit-talba promotorja principali. Tali limiti jigu allargati in segwitu ghall-attività tal-konvenut kif appena mfisser, li jitlob lill-gudikant biex jiddeciedi talbiet godda, li ma kienux imressqa mill-attur fid-domanda originali: "*In altri termini, il giudice non dovrà limitarsi a decidere se l'attore o il convenuto abbiano ragione, in ordine a quell'attività determinata dalla domanda giudiziale, ma anche se l'attore o il convenuto abbia ragione in*

procediment tal-lum jaltera ruhu u apparti t-talba attrici jigi investigat binarju iehor li ma jezistix fil-forma li trid il-Ligi. Ghalhekk, il-konvenut ma jistax jippretendi li t-Tribunal jakkordalu xi haga meta qatt ma intalbet b'mod formali u ritwali.[5] Kif sew imfisser *in re* **Il-Pulizija v. Carmelo *sive* Charles Dingli** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2007), "*hu assjomatiku li biex taqla' xi haga mill-Qorti l-ewwel trid titlobha. Ebda Qorti ma takkorda xejn jekk ma tigix mitluba biex taghmel dan.*" Ghalkemm il-bran huwa mehud mill-kamp kriminali, l-istess taghlim japplika b'egwa forza ghal qasam tal-procedimenti civili.

Kif hareg fil-kors ta' din il-kawza, fil-vertenza odjerna l-konvenut jippretendi li hemm awtomatikament dovut lilu, da parti mill-attur, somma rapprezentanti penali imponibbli allegatament minhabba inadempjenza kontrattwali ta' l-attur. Kif diga' spjegat *supra*, il-konvenut ma fformalizzax il-pretensjoni tieghu skond il-kanoni legali u guridici applikabbli. Li ghamel kien biss li forna l-verzjoni u l-argumenti tieghu bil-ghan li jittenta jinnewtralizza l-istanza attrici fejn allega li l-pretensjoni ta' l-attur kellha tigi azzerata minhabba ammont bhala penali li kienet

---

*ordine ad altre attività, che sono diverse dalla prima*" (*ibid*., p.55). Fid-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol. XI–78** insibu asserit li, "*La riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso lato, inquantocchè il convenuto può opporre in giudizio all'azione contro lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione; cioè domanda quell che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio. Vi è riconvenzione, semprecchè per eccezione ad una domanda principale, si opponga un'altra domanda egualmente principale*." Generalment, id-domanda rikonvenzjonali hi deskritta bhala reazzjoni da parti ta' l-imharrek fil-gudizzju istitwit mill-attur, bhala talba gdida li titraduci ruhha f'azzjoni tal-konvenut kontra l-attur. Hawnhekk, wiehed jara li b'din ir-reazzjoni, il-konvenut jwessa' l-kontroversja u dan l'ghaliex jitlob l-applikazzjoni ta' volontà legislattiva favurih kontra l-attur avversarju fl-istess kawza inizjata minn dan ta' l-ahhar. Dan, konsegwentement, jaghmel l-attur originali bhala konvenut accidentali u lill-konvenut bhala attur: "*la riconvenzione è quell'istituto processuale in forza del quale il convenuto, traendo occasione dalla domanda attrice contro di lui avvanzata, chiede nella stessa lite, alla quale è collegata sostanzialmente, l'attuazione di una volontà legislativa a suo favore, indipendentemente dalla richiesta di rigetto della domanda*" (*ibid*., pp.56–57). Il-kawza rikonvenzjonali, kif tradizzjonalment percepit, tizvolgi bejn l-istess partijiet fil-kawza, izda f'posizzjoni processwali invertita, fejn il-konvenut jilbes il-libsa ta' attur u l-attur jilbes dik ta' konvenut. Importanti wkoll li f'dan il-jedd difensjonali, jrid jirrizulta li jista' jaghmel uzu minnu solament il-konvenut fil-kwalità li huwa jkun tharrek fiha fl-azzjoni originali hekk kif ukoll statwit fl-Art. 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tghid hekk: "*Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu*." Ghal dak li jirrigwarda gurisprudenza dwar dan l-aspett, wiehed hu mistieden jara, fost ohrajn, id-decizjonijiet *in re* **Karl Bonello noe v. Emanuel Baldacchino et** (Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1997); *in re* **Alexis Vella et noe v. David Jones et noe** (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003 – konfermata fl-appell fis-27 ta' Jannar, 2006); u *in re* **Air Malta p.l.c. v. Lawrence Borg** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2004).

[5] Appropozitu ta' l-ambitu ta' eccezzjonijiet, hija gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna li tissottolineja li eccezzjoni trid tigi sollevata da parti tal-konvenut u jekk ikun hemm dan in-nuqqas, l-enti gudizzjarja ma tistax tikkolma tali ommissjoni stante li din, min-naha taghha, trid toqod fil-limiti tat-talba lilha maghmula u entro d-difizi espressament sollevati mill-parti konvenuta, xejn oltre u inqas minn dan (dejjem salv jekk ma jkunx hemm id-dritt sancit mill-ligi li xi difiza ghandha titqajjem *ex officio* u *marte proprio* bhall-eccezzjoni ta' inkompetenza jew tal-karenza ta' interess guridiku). F'dan is-sens wiehed jigi riferut ghad-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **Mekanika Limited v. Masco Security Services Limited** (Appell Inferjuri, 23 ta' Mejju, 2007).

dovuta lilu mill-attur. Madanakollu, kif diga' rimarkat, din il-kawza tikkoncerna biss talba wahda – dik ta' l-attur. Il-konvenut illimita ruhu li jallega fl-unika eccezzjoni tieghu li ma kellux ihallas izda proceduralment ma marx oltre. Hu ma elaborax eccezzjonijiet specifici f'dan is-sens. Hekk kif kien l-artefici ta' kif ghazel li jiddefendi ruhu, issa l-konvenut irid ikun is-suggett passiv tal-procediment u jissubixxi l-konsegwenzi relattivi.

Huwa ferm wisq facli li konvenut f'kawza jaghti difiza/eccezzjoni wahda generika u jistenna – jew jippretendi – illi it-Tribunal joqghod jispigola gewwa l-provi rakkolti matul il-procediment jew ifittex qalb l-eventwali sottomissjonijiet sabiex ilibbes lil tali difiza/eccezzjoni generika b'libsa partikolari. Dan m'ghandux ikun hekk. Hekk kif l-parti attrici ghandha turi sew u car x'qed titlob,[6] il-kompitu tal-parti konvenuta hija li tindividwa sew ghaliex u kif qed tirrezisti istanza.[7] Kif ritenut, "*Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impenement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja*." (**Gabriel Parnis et v. Joseph Cucciardi et**, Appell Superjuri, 16 ta' April, 2004). B'mod partikolari ghall-eccezzjonijiet tal-parti konvenuta, it-Tribunal jirreferi ghad-decizjonijiet *in re* **Vincent Camilleri et v. Gaetana Aquilina** (Appell Superjuri, 16 ta' Marzu 2004)[8] u *in re* **Joseph Attard et v. Mario Attard et**, Prim'Awla, 7 ta' Lulju, 2014).[9] Ghalhekk, hekk kif it-talba tidentifika dak li l-attur qed jippretendi, l-eccezzjonijiet jartikolaw u jidentifikaw ir-rezistenza tal-konvenut. Bejn dawn iz-zewg estremitajiet tal-kontradittorju tidhol l-enti gudikanti li trid tarbitra dwarhom u minhabba l-istess estremitajiet l-istess enti tkun gwidata tidentifika l-parametri tal-kontiza bejn il-kolitigandi. Salv kazijiet permessi mil-Ligi jew rikonoxxuti fil-prattika forensi, difett jew zvista jew xi leggerezza f'xi wahda

---

[6] "*Il convenuto in un giudizio ha diritto di conoscere specificatamente la pretensione che contro di lui si deduce*" (**Giovanni Xuereb v. Giorgio Sciculna ed altri**, Prim'Awla, 2 ta' Ottubru, 1903).

[7] "*All parties to judicial proceedings have a duty to make their position clear so that the opposing party knows what is exactly being contested*." (digriet kamerali moghti fil-proceduri *in re* **E-Management Ltd v. Rebels Gaming Ltd**, Prim'Awla, rikors guramentat nru. 228/2013/AE tad-29 ta' Lulju, 2013).

[8] Fiha, *inter alia*, inghad hekk: "*in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali*."

[9] Fiha, *inter alia*, inghad hekk: "*M'ghandux ikun li fit-twegiba guramentata konvenut jaghti difiza u mbaghad waqt is-smiegh tal-provi ibiddel il-posizzjoni, ghaliex forsi hekk ikun jaqbillu li jaghmel. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut u mhux xi argumenti godda li jqajjem fil-kors tas-smiegh tal-kawza*."

minn tali estremitajiet ma tintitolax lil min ghandu jarbitra li jsewiha ghax altrimenti ikun ifisser illi tali arbitru jsir partecipant fil-kwistjoni u mhux gudikant tal-procediment.

Ghalkemm dan it-Tribunal hu vesitit b'gustizzja ekwitattiva [kif dettat fl-Art. 6 u Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet], xoghol parti (attur jew konvenut) ghandu jsehh esklussivament mill-istess parti u l-ebda ammont ta' ekwità ma tista' qatt tigi uzata biex jigu kolmati nuqqasijiet f'dan ir-rigward. Kif jaghzel jiddefendi ruhu konvenut f'litigju hi prerogattiva assoluta u esklussiva tieghu u mhux mistenni li ghan-nuqqasijiet tieghu tissubentra l-enti gudikanti biex tghinu jew biex tigwidah jew biex tirradrizza l-posizzjoni tieghu. Hi l-Ligi stess, fl-Art. 728(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li tghid illi, "*l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji*."[10]

Ghalhekk, jekk il-konvenut ried xi haga partikolari biex il-qaghda tieghu tigi agjevolata jew biex minnha jiehu xi vantagg, hu kien mistenni jartikola hsibijietu b'mod idoneju u b'manjiera cara fil-mument appozitu (i.e., fl-eccezzjonijiet) u mhux li jkun ritwalment generiku, vag u/jew ekwivoku u informalment jikristallizza d-difiza tieghu man man li jiehu sura l-procediment jew fis-sottomissjonijiet finali.[11]

---

[10] L-imsemmi provvediment tal-ligi (flimkien ma' ohrajn) gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell *in re* **John Mary Vella et v. Winston Azzopardi noe** tas-6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet (f'dan il-kaz r-Risposta), oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 u dawk taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluza l-L.S. 380.01), kellha tassattivament issegwi r-regola normattiva kontenuta fl-imsemmi Artikolu 728(1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu. Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita tant li jinsab mghallem li l-ligijiet u n-normi ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (*vide*, fost diversi, id-decizjoni riportata f'*Kollezz.* **Vol.XVIII–I–879**). It-Tribunal, ghal kull bwon fini, jirreferi wkoll ghall-kaz *in re* **Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Ltd** (Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005), *in re* **J. Zammit Ltd v. Josephine Borg** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Ottubru, 2018) u *in re* **Melvin Borg Concrete Works Ltd v. Ventur Motors Centre Co. Ltd** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, deciz illum stess).

[11] Bi twegiba ghal certu sottomissjonijiet u argument mwettqa fl-ahhar mill-Kuratur Deputat dwar jekk certu klawsoli kuntrattwali jilledux jew le il-jeddijiet tal-konsumatur, it-Tribunal, b'self mill-gurisprudenza domestika, jirrimarka illi: "*Kemm-il darba jinghad li Noti ta' Osservazzjonijiet m'ghandhomx iservu la biex jissupplementaw provi li jmisshom ikunu tressqu fl-istadju xieraq tas-smigh tal-kawża u lanqas biex joholqu kontestazzjonijiet jew linji difensjonali godda li ma jkunux gew dibattuti qabel*" (**Josef Farrugia v. Christopher Carabott et**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2008) u illi, "*argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-*

It-Tribunal issa jdawwar harstu lejn dak domandat f'dawn il-proceduri.

Huwa indiskuss li l-attur irrenda servizzi medici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, wara illi l-attur gie koncess kuntratt konsegwenti ghall-*tender* mahrug mill-Ministru konvenut.[12] Dawn is-servizzi kienu jinvolvu visti d-dar lill-impjegati tal-Ministeru u d-Dipartimenti tieghu ghall-verifiki ta' rikjesti ta' *sick leave* maghmula mill-istess impjegati. Kull vista kellha tithallas bir-rata ta' €12.49c (VAT inkluz). Jirrizulta wkoll illi skond il-*Letter of Acceptance* mahruga mill-konvenut,[13] is-servizz rez mill-attur kellu jkun sa limitu ta' €6,000.00c (VAT eskluz) u kwalunkwe taxxa ohra applikabbli (*a fol.* 32).

Ghalhekk, il-partijiet kienu regolati minn kuntratt, ossia it-*tender*. Bhala tali, dan huwa ftehim illi jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti jew unilateralment alterati. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Minn dan isegwi, ukoll fid-dawl tal-fatt li, kif diga' inghad, il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni specifika kontra l-pretensjoni tal-attur, illi dak li ghandu jirrizulta lit-Tribunal sabiex it-talba tal-attur tkun tista' tinlaqa' huwa li l-visti li ghalihom qieghed jitlob hlas ikunu effettivament saru. Hekk kif jirrizulta dan, jiskatta l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut illi jhallas ghas-servizzi rezi lilu, fin-nuqqas ta' difizi specifici kontra l-pretensjoni attrici.

Wara li ra l-fattura mahruga mill-attur (*a fol.* 89), it-Tribunal ghamel ezercizzju ta' tqabbil mad-dokument esebit *a foll.* 90–94 li jindika l-visti li gew rikjesti u dawk li effettivament saru fir-rigward tal-impjegati ta' l-isptar Mater Dei, u minn dan l-ezercizzju rrizulta oggettivament li l-ammont pretiz mill-attur huwa gustifikat. Dan billi jirrizulta li l-ammont ta' visti medici li l-attur qieghed jippretendi hlas ghalihom effettivament saru. Fir-rigward tal-visti maghmula fl-isptar Boffa, ma gew prezentati l-ebda dokumenti ohra ghajr il-fattura mahruga mill-attur. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi bhala stat ta' fatt il-konvenut ma rrezistix l-pretensjoni ta' l-attur. Il-konvenut ma cahadx li l-visti indikati fil-fatturi esebiti mill-attur

---

*kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri in corso*" (**Anthony Cristina pro et noe v. Eleonora Mizzi et**, Appell Civili, 27 ta' Marzu, 2003).

[12] Ara 'Dok JSK1' (*a fol.* 18 *et seqq.*) u 'Dok JSK3' (*a fol.* 29 *et seqq.*).

[13] Ara x-xhieda ta' Marnol Sultana moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru, 2018 (*a fol.* 80), fejn mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx sar kuntratt wara li harget il-Letter of Acceptance, ix-xhud wiegeb "*Le. Mela l-letter of acceptance hija ekwivalenti ghal kuntratt.*"

effettivament saru, izda fil-kors tal-kawza sempliciment argumenta li huwa ghandu kreditu favur tieghu (i.e., il-penali) li jgib fix-xejn dak pretiz mill-attur. Tali argument huwa ritenut li jammonta ghall-ammissjoni da parti tal-konvenut tal-kreditu vantat mill-attur.[14]

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis illi l-pretensjoni tal-attur tinsab sufficjentement provata.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens *vide* **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "**Massimario della Giurisprudenza Italiana**" Anno XLVII – 1977; UTET 1979, massima nru. §444 riportata f'pagna 107). Ghalkemm din is-sentenza ma tirreferix specifikatament ghal kull prova dokumentarja u kull deposizzjoni testimonjali u kull sottomissjoni maghmula mid-difensuri – filwaqt li jigi assikurat li dawn gew kollha ezaminati – l-

[14] Ara per ezempju **Marianna Spiteri et v. Joseph Vella** (Prim'Awla, 3 ta' Mejju, 1993); Eucharistico Gauci vs Jesmond Borg et (Appell Inferjuri, 14 ta' Lulju, 2004; **Intercomp Limited v. Boris Arcidiacono Limited** (Prim'Awla, 25 ta' Marzu, 2010; konfermata fl-appell fis-27 ta' Frar, 2015).

omissjoni taghhom hi dovuta ghall-fatt li dak ommess ma kienx rilevanti ghall-kunsiderazzjonijiet hawnhekk intraprizi.[15]

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attur u ghalhekk:

**I.** Jiddikjara illi l-konvenut Ministru ghas-Sahha debitur ta' l-attur fis-somma ta' erbat'elef, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4,271.58c);

**II.** Konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut Ministru ghas-Sahha ihallas lill-attur is-somma ta' erbat'elef, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€4,271.58c), bl-imghax annwu bir-rata ta' 8% fuq tali somma dekorribbli mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali nru. 1108/2017[16] sad-data tal-pagament finali u effettiv.[17]

---

[15] (*cass. civ.*, Sez. VI-3, sentenza nru. 16467 ta' l-4 ta' Lulju, 2017): "*La valutazione delle risultanze delle prove ed il giudizio sull'attendibilità dei testi, come la scelta, tra le varie risultanze probatorie, di quelle ritenute più idonee a sorreggere la motivazione, involgono apprezzamenti di fatto riservati al giudice di merito, il quale è libero di attingere il proprio convincimento da quelle prove che ritenga più attendibili, senza essere tenuto ad un'esplicita confutazione degli altri elementi probatori non accolti, anche se allegati dalle parti.*" (*cass. civ.*, Sez. Lavoro, sentenza nru. 13485 tat-13 ta' Gunju, 2014): "*In tema di prova, spetta in via esclusiva al giudice di merito il compito di individuare le fonti del proprio convincimento, di assumere e valutare le prove, di controllarne l'attendibilità e la concludenza, di scegliere, tra le complessive risultanze del processo, quelle ritenute maggiormente idonee a dimostrare la veridicità dei fatti ad esse sottesi, assegnando prevalenza all'uno o all'altro dei mezzi di prova acquisiti, nonché la facoltà di escludere anche attraverso un giudizio implicito la rilevanza di una prova, dovendosi ritenere, a tal proposito, che egli non sia tenuto ad esplicitare, per ogni mezzo istruttorio, le ragioni per cui lo ritenga irrilevante ovvero ad enunciare specificamente che la controversia può essere decisa senza necessità di ulteriori acquisizioni.*"

[16] Ara kopja ezibita *a fol*. 4.

[17] F'dan il-kaz il-parti attrici talbet l-interessi (fuq somma likwida u determinata) minn data antecedenti ghall-intavolar tal-prezenti proceduri u ghalhekk, fuq l-istregwa tad-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol. XXVII-I-978**, jikkonsegwi li d-domanda ghall-interessi tifforma, "*un unico oggetto colla domanda per la sorte*". Ara wkoll id-decizjoni *in re* **Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi et noe v. Goldenegg Enterprises Limited** (Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju, 2008). Minn certa impostazzjoni gurisprudenzjali, l-interessi jistghu jkunu nkwadrati fi tlett kategoriji, ossija (i) dawk **moratorji** dovuti b'titolu ta' rizarciment ta' danni ghad-dewmien tad-debitur fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni [*ex* Art. 1141(1) kombinat mà l-Art. 1130(1) tal-Kodici Civili]; (ii) dawk **korrispettivi** in kwantu jirrapprezentaw il-korrispettiv tat-tgawdija ta' somma determinata ta' flus oltre l-iskadenza tal-kreditu [*ex* Art. 1139 tal-Kodici Civili]; u (iii) dawk **kompensattivi**, imprexxindibilment minn kwalsiasi dewmien jew dak tas-semplici skadenza tad-debitu. Normalment, dawn jinghataw b'titolu ekwitattiv biex jikkompensaw lil kreditur ta' l-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja. Il-gurisprudenza jidher li tenuncja f'dan il-kuntest illi l-interessi fuq is-somma likwidata b'titolu ta' rizarciment tad-dannu ghandhom natura kompensativa bl-iskop li jigi evitat pregudizzju lill-kreditur. F'kaz bhal dan, hekk kif tenuncja s-sentenza fl-ismijiet **Evaristo Psaila et v. George Spiteri** (Appell Kummercjali fit-12 ta' Frar, 1965), "*il-Qorti ghandha diskrezzjoni minn meta takkordahom.*" F'dan ir-rigward ara wkoll id-decizjoni *in re* **Mekkanika Limited v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Heritage Malta** (Appell Inferjuri, 6 ta' Frar, 2008). Fil-kaz in dizamina, l-interessi jaqghu taht din it-tielet kategorija. Il-parti attrici talbet li l-imghax jibda' jiddekorri minn data

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' April, 2017 (nru. 1108/2017), huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

precedenti ghal dik li fiha saret it-talba gudizzjarja permezz tal-prezenti azzjoni. Precedentement, hi kienet interpellat lill-parti konvenuta sabiex tersaq ghall-hlas ta' cifra tramite att gudizzjarju, ossia ittra ufficjali. Issa, ai termini ta' l-Art. 1141(2) tal-Kodici Civili, "*l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b' att gudizzjarju*". (ara wkoll *in re* **Anthony Debono et v. Anthony Debono et**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008. Naturalment, ittra ufficjali tinkwadra fid-definizzjoni ta' "att gudizzjarju", tant illi taht l-Art. 2128 tal-Kodici Civili – ai finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni – hi deskritta bhala att gudizzjarju. Minn dan kollu jikkonsegwi illi gjaladarba l-arti mharrka kienet giet debitament notifikata b'att gudizzjarju (l-ittra ufficjali) li kien jikkontjenti ammont definit, determinat u gja likwidu, mid-data tan-notifika tieghu (u mhux mid-data ta' l-ittra ufficjali), l-istess parti konvenuta kienet impoggija *in mora* u allura l-imghaxijiet bdew jiddekorru minn tali data, stante illi hi kienet a konoxxenza tas-somma pretiza mill-kontroparti, hawn attrici. Hekk kif jinsab awtorevolment ritenut fid-decizjoni *in re* **Iris Dalmas v. Ronnie German et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005), "*Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora*." B'aktar precizjoni jinsab ritenut fil-gudikat *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2003) illi, "*sabiex jiddekorru l-imghaxijiet l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta' ammont ta' flus u mhux semplici intimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu*."